MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 484/2014

**Bank of Valletta plc**

**Vs**

**Clive D'Amato, Stephanie Borg u Spiridione D'Amato**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-3 ta' Gunju 2014, il-Bank of Valletta plc ippremetta

*1. Illi permezz ta' kuntratt datat 2 ta' Settembru 2010, in atti Nutar Dottor Rueben Debono (Dok. 'A'), is-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Clive D'Amato u Stephanie Borg;*

*2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Clive D'Amato u Stephanie Borg fis-somma ta' wiehed u sebghin elf, hames mija u sebgha u sebghin Ewro u*

*dsatax-il centezmu (€71,577.19) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Clive D'Amato u Stephanie Borg mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. 'B') flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-30 ta' Mejju 2014 sad-data ta' l-effettiv pagament;*

*3. Illi permezz ta' kuntratt datat 2 ta' Settembru 2010, in atti Nutar Dottor Rueben Debono (Dok. 'A'), il-konvenut Spiridione D'Amato iggarantixxa flimkien u "in solidum" ma' Clive D'Amato u Stephanie Borg, id-debiti tal-istess Clive D'Amato u Stephanie Borg, ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. sal-valur ta' disgha u hamsin elf u erba' mitt Ewro (€59,400.00);*

*4. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezebit bhala Dokument 'A') partikolarment imma mhux esklussivament, billi Clive D'Amato u Stephanie Borg u Spiridione D'Amato:*

*(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulate fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Clive D'Amato u Stephanie Borg u Spiridione D'Amato li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici;*

*5. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;*

*6. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 6 ta' Frar 2013 li kopji taghhom qed jigu hawn ezebiti u mmarkati Dok. "C" u "D" sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

Għaldaqstant, il-bank attur jitlob għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmija (u hawn ezebit bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Clive D'Amato u Stephanie Borg u Spiridione D'Amato (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulate fl-imsemmi kuntratti (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Clive D'Amato u Stephanie Borg u Spiridione D'Amato, li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici;*

*2. Tikkundanna lil Clive D'Amato u Stephanie Borg ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' wiehed u sebghin elf, hames mija u sebgha u sebghin Ewro u dsatax-il centezmu (€71,577.19) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Clive D'Amato u Stephanie Borg mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-30 ta' Mejju 2014 sad-data ta' l-effettiv pagament;*

*3. Tikkundanna lil Spiridione D'Amato jhallas flimkien u in solidum ma' Clive D'Amato u Stephanie Borg, lis-socjeta' attrici s-somma ta' disgha u hamsin elf u erba' mitt Ewro (€59,400.00), bilanc minn somma akbar ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Clive D'Amato u Stephanie Borg mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B"), flimkien mal-imghax ulterjuri mit-30 ta' Mejju sad-data ta' l-effettiv pagament;*

*Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 6 ta' Frar 2013 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.*

*Din l-interpellanza qed issir minghajr pregudizzju ghall-bilanci ohra dovuti minn Clive D'Amato u Stephanie Borg li ghalihom is-socjeta' attrici qed tirrizerva li tipprocedi f'gudizzju separat.*

Il-qorti rat id-dikjarazzjoni li ghamlet il-konvenuta waqt is-seduta tat-13 ta' Ottubru 2014[1] u n-nota ta' ammissjoni li l-konvenuti l-ohra pprezentaw illum.

**Fic-cirkostanzi tilqa' t-talbiet kif dedotti u tikkundanna lil:**

1. **Clive D'Amato u Stephanie Borg sabiex ihallsu lill-bank attur is-somma ta' wiehed u sebghin elf hames mija u seba' u sebghin ewro u dsatax-il centezmu (€71,577.19) bl-imghax mit-30 ta' Mejju 2014 sad-data tal-hlas.**
2. **Spiridione D'Amato sabiex ihallas in solidum mal-konvenuti l-ohra s-somma ta' disa' u hamsin elf u erba' mitt ewro (€59,400), bilanc minn somma akbar ghad-debitu fil-Loan Account ta' Clive D'Amato u Stephanie Borg mal-Bank of Valletta plc, flimkien mal-imghax ulterjuri mit-30 ta' Mejju sad-data tal-effettiv pagament.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuti**.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] *"L-Avukat Borg spjega li l-konvenuta mhix tikkontestat t-talbiet …….".*